- Giljottina

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 15 ta' Diċembru, 2020.**

**Rikors Nru. 805/20GM**

**Hotel San Antonio Limited (C302)**

**v**

**Malta TravelNet Services Limited (C22306)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-attriċi, wara li ppremettiet illi:-

1. Biegħet diversi kmamar u servizzi oħra anċillari fil-Lukanda San Antonio Hotel, fil-Qawra lil klijenti tas-soċjeta' konvenuta, u dan fuq perjodi varji u ċioe'għal xi żmien f'Diċembru tas-sena 2018 u għal xi żmien f'Jannar tas-sena 2020.

2. Għandha din ir-relazzjoni ta’ negozju mas-soċjeta’ konvenuta, fejn is-soċjeta’ attriċi toffri kmamar u servizzi oħra anċillari għal gruppi ta’ turisti li jkunu bbukjaw mas-soċjeta’ konvenuta.

3. Is-soċjeta’ konvenuta tinsab kreditriċi tas-soċjeta’ attriċi fl-ammont ta’ disgħa u erbgħin elf, tlett mija u sitta u ħamsin ewro u sebgħa ċentezmi (49,356.07) oltre’ imgħaxijiet legali u dan ai termini tal-istatement hawn anness u mmarkat bħala Dok A.

4. Għal kull buon fini qiegħed jiġi kjarifikat li s-soċjeta’ konvenuta hija mgħarrfa, u dan anke’ fuq il-proforma invoices mibgħuta lilha, li s-soċjeta’ attriċi tuża proċedura ta’ ‘cancellation fee’ fejn l-ammonti irridu jitħallsu qabel it-turist jibda jalloġġja fil-lukanda u l-istess soċjeta’ titlob l-pagament għall-kmamar anke’ f’każ li t-turist ma jitfaċċax.

5. Is-soċjeta’ attriċi għalhekk ikkonfermat diversi kmamar u servizzi oħra anċillari li jigu offruti fil-lukanda operata mis-soċjeta’ attriċi, bħal ikel tul dan il-perjodu hawn indikat.

6. Dan id-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u Malta TravelNet Services Limited ma għandhiex eċċezzjonijiet x’tagħti u għaldaqstant il-kawża tista’ tiġi deċiża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

7. Inoltre l-istess soċjeta’ konvenuta tant żgur m’għandhiex difiża għal dan id-dejn li l-avukat li jippatroċinaha ħejja anke kuntratt ta’ struttura ta’ pagament għall-istess dejn iżda l-persuni inkarigati mis-soċjeta’ konvenuta ddeċidew fl-aħħar minuta li ma jiffirmawx, u dan wara li kopja tal-istess skrittura kienet diġa’

ġiet iffirmata mis-soċjeta' attriċi, kien għalhekk li s-soċjeta' attriċi kellha tagħmel dan il-pass.

8. Jean Claude Fenech detentur tal-karta tal-identita' numru 377194M in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi, jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Talbet lill-Qorti sabiex:

1. Taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
2. Tikkundanna għar-raġunijiet premessi, lis-soċjeta' intimata sabiex tħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' disgħa u erbgħin elf, tlett mija u ħamsa u sittin Ewro u sebgħa ċentezmi (€49,356.07), u dan oltre' l-imgħax dekoribbli fuq dan l-ammont mid-data ta' meta dan sar dovut sal-eventwali ħlas effettiv.

Bl-imgħax kif mitlub sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju inavolat kontestwalment ma' dan ir-rikors, kontra s-soċjeta' intimata.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Diċembru 2020 imnejn jirriżulta li deher Dr Edward Micallef għas-soċjeta` konvenuta u l-Qorti semgħet lill-avukati difensuri.

Rat l-affidavits ippreżentati mis-soċjeta` attriċi.

Rat l-atti kollha tal-każ.

U billi mhix sodisfatta li s-soċjeta` konvenuta għandha *prima facie* eċċezzjonijiet fil-liġi jew fil-fatt x'iġġib kontra l-mertu tal-azzjoni u lanqas xort'oħra ġiebet fatti jew punti ta' liġi li jistgħu jitqiesu biżżejjed biex jagħtuha l-jedd li topponi t-talba jew tagħmel kontrotalba, wara li rat l-artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tqis illi għandha tgħaddi biex tippronunzja ruħha dwar it-talbiet

attriċi bid-dispensa tas-smigħ.

U billi din il-Qorti hi sodisfatta li s-soċjetà attriċi ppruvat il-każ tagħha skont il-liġi.

**L-imgħax**

L-attriċi talbet ukoll l-imgħax sal-ħlas tal-pagament effettiv. Dan id-dejn huwa ta' natura kummerċjali u allura "jekk wieħed iqis li l-obbligazzjoni meħuda mill-imħarrkin kienet waħda ta' natura kummerċjali, allura jista' jingħad ukoll li l-imgħaxijiet jibdew jgħaddu *ipso jure* bla ħtieġa ta' talba għalihom b'att ġudizzjarju u b'effett minn dakinhar li l-obligazzjoni kellha titwettaq."[1]

Illi kull fattura hija l-prova ta' bejgħ individwali u distint ta' kmamar u servizzi oħra ancillari. Għalhekk il-kwistjoni tal-pagament tal-prezz u tal-imgħax pretiż għandu jitqies fil-kuntest ta' kull fattura individwali.[2] Għalhekk l-imgħax għandu jiġi kalkulat b'mod separat mid-data rispettiva ta' kull fattura.

**Dispożittiv:**

Għal dawn il-motivi l-Qorti:

1. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ, *ai termini* tal-Artikoli 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lis-soċjeta' intimata sabiex thallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' disgħa u erbgħin elf, tlett mija u sitta u ħamsin Ewro u sebgħa centezmi (€49,356.07) bl-imgħaxijiet bit-tmienja (8%) mid-dati rispettivi tal-fatturi sad-data tal-pagament effettiv.

---

[1] Muscat v Radmilli PA, 3.10.2002
[2] J&M Aluminium Ltd v Alu Care Mosta Limited, PA, 24.01.2012

Bl-ispejjeż, a karigu tas-soċjeta` konvenuta.

Moqrija.

ONOR IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA